



II-KUMMISSJONI EWROPEA

Id-Direttorat Ġenerali għan-Netwerks tal-Komunikazzjonijiet, il-Kontenut u t-Teknoloġija

II-Midja u d-Dejta

II-Konverġenza tal-Midja u I-Kontenut

Kwestjonarju dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni¹ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Novembru 2005 dwar il-"Patrimonju ċinematografiku u l-kompetittività ta' attivitajiet industrijali relatati" (minn hawn 'il quddiem "Ir-Rakkomandazzjoni")

Noti:

- It-tweġibiet għal dan il-kwestjonarju għandhom ikopru l-istituzzjonijiet kollha tal-patrimonju ċinematografiku fl-Istat Membri, inklużi dawk ta' livell lokali jew reġjonali.
- L-istruttura tal-kwestjonarju ssegwi l-Anness I tat-Tielet rapport ta' implimentazzjoni, sabiex tiffaċilita r-rapportar tiegħek. Fil-każ li s-sitwazzjoni ma nbidlitx mir-rapport tiegħek tal-2011, jekk jogħġbok indika "L-EBDA BIDLA".

L-isem, it-telefown u l-indirizz tal-posta elettronika tal-persuni ta' kuntatt li jistgħu jipprovdu aktar informazzjoni:

permsec.mot@gov.mt

TABELLA 1 – ISTITUZZJONIJIET TAL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU

Is-sit tal-arkivji nazzjonali: www.nationalarchives.gov.mt.

L-ebda bidla mill-2011.

TABELLA 2 – MIŻURI LEĠIŻLATTIVI / DEFINIZZJONI TAL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU NAZZJONALI

L-Istrateġija għall-Ekonomija Kreattiva mfassala b'ħidma kollaborattiva bejn il-Ministeru tal-Finanzi u s-Segretarjat Parlamentari għall-Kultura u l-Gvern Lokali fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu tipproponi diversi miżuri inklużi miżuri biex titjib il-governanza u titnaqqas il-framentazzjoni għas-settur awdjoviżiv u l-wirt nazzjonali:

<http://www.creativemalta.gov.mt/>

¹ ĠU L 323, 09.12.2005

http://eur-lex.europa.eu/LexUriServ/site/en/oj/2005/l_323/l_32320051209en00570061.pdf

Il-programm tal-Gvern jenfasizza t-tishiĥ ta' inizjattivi biex niproteġu u nikkonservaw il-wirt nazżjonali. B'mod partikolari l-programm tal-Gvern jirreferi għall-arkivji awdjoviżivi:

“Nikkonsolidaw il-Biblioteka Nazżjonali u l-Arkivji Nazżjonali, li huma parti mill-memorja storika u kollettiva ta' pajjiżna. Ninkludu wkoll l-arkivji awdjoviżivi u ritratti fosthom tax-Xandir Pubbliku, tad-Dipartiment tal-Infurmazzjoni, u dipartimenti oħrajn tal-Gvern.” (miżura numru 51, p127).

TABELLA 3 – DEPOŻITU TAX-XOĠHLIJET ĊINEMATOGRAFIĊI LI JIFFURMAW PARTI MILL-PATRIMONJU AWDJOVIŻIV NAZZJONALI TAGĦKOM

Id-definizzjonijiet tal-2011 għadhom relevanti.

TABELLA 4 – ĠBIR TA' MATERJAL APPARTI MINN XOĠHLIJET ĊINEMATOGRAFIĊI LI JIFFURMAW PARTI MILL-PATRIMONJU AWDJOVIŻIV NAZZJONALI TAGĦKOM

Il- *Malta Film Commission* kompliet bil-ħidma tagħha biex tiġbor informazzjoni dwar xogħlijiet ċinematografiċi li ngħibdu f'Malta.

<http://www.mfc.com.mt/page.asp?p=14250&l=1>

TABELLA 5 – KATALOGAR U BAŻIJET TAD-DEJTA

L-ebda bidla mill-2011.

TABELLA 6 – PRESERVAZZJONI U RESTAWR

Matul l-aħħar sentejn l-Arkivji Nazżjonali ħadet l-inizjattivi li ġejjin marbutin mal-wirt awdjoviżiv :

1. Ġiet akwistata *field note* tal-Prof Karl Partridge u Prof Frank Jeal li wettqu xogħol speċjalizzat fuq iż- Żaqq Maltija (bagpipe) u strumenti mużikali oħra. Dawn bħalissa qed jiġu katalogati.
2. Ġbir ta' 240 sillta ta' mużika folk Maltija li inxtrat minn sid privat u bħalissa qed jiġu evalwati għad-diġitizzazzjoni potenzjali, katalogazzjoni u aċċess għall-pubbliku.
3. Il-proġett *Malta Lost Voices* tlesta. Dan fisser ir-restawr ta' aktar minn 150 reġistrazzjonijiet fuq 78rpm datati bejn 1931-1932 u l-konverżjoni għall-format diġitali. Id-database tipprovdi l-isfond muzikologiku meħtieġ flimkien mal-faċilità ta' smiġh li ġiet ipprovduta lill-pubbliku fl-uffiċċju prinċipali tal-arkivji nazżjonali.
4. Il-portal tal-memorja nazżjonali qed jiġi żviluppat u huwa maħsub li jkun il-pjattaforma għall-kontenut diġitali attwali u d-dokumentazzjoni tal-istorja orali.

TABELLA 7 – AĊĊESSIBILITÀ, TAĦRIĠ PROFESSIONALI U EDUKAZZJONI

Fil-qasam tat-taħriġ id-Dipartiment tal-Libreriji u l-Arkivji fil-Fakulta' tal-Media fl-Univerita' ta' Malta qed jkompli jiġi żviluppat u msaħħaħ.

<http://www.um.edu.mt/maks/las>

Il-Malta Film Commission qed timplimenta programm ta' taħriġ għas-settur awdjoviżiv b'għajnunata ta' fondi Ewropej (ESF).

<http://www.mfc.com.mt/page.asp?n=esfraining>

TABELLA 8 – ATTIVITAJIET EWROPEJ U INTERNAZZJONALI

L-Arkivji Nazzjonali qed jaħdmu mal-akkademiku Malti Dr Toni Sant u ġiet stabbilita' kollaborazzjoni fil-qasam tad-diġitalizzazzjoni mal-Univerita' ta' Hull fl-Ingilterra.

Fl-Univerita' ta' Malta fid-Dipartiment tal-Libreriji u Xjenzi tal-Arkivji qed issir kollaborazzjoni internazzjonali ma' numru ta' organizzazzjonijiet inklużi l-*Hill Monastic Manuscript Library tas-St John's University*, Minnesota, fl-Istati Uniti u l-*University College*, f'Londra. Id-Dipartiment huwa wkoll membru tal EUCLID, l-Assoċjazzjoni Ewropea għall-Libreriji u l-Edukazzjoni, Informazzjoni u r-Riċerka.

TABELLA 9 – SEGWITU TAL-PRJORITAJIET

Ara risposti għat-tabella numru 2 u l-prioritajiet hekk kif mniżżla fil-programm tal-Gvern, fil-politika tal-kultura u fl-Istrateġija għall-Ekonomija Kreattiva.

TABELLA 10 – MIŻURI LI JINDIRIZZAW L-ISFIDI TAL-ERA DIĠITALI

Il-portal tal-memorja nazzjonali qed jiġi żviluppat u huwa maħsub li jkun il-pjattaforma għall-kontenut diġitali.

TABELLA 11 – POLITIKA TAL-FILMS U L-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU

Kif irrappurtat fl-2011, dan huwa mniżżel fil-linji gwida tal-*Malta Film Fund*
<http://www.mfc.com.mt/page.asp?p=21541&l=1>

TABELLA 12 – PROGRESS RELATAT MAL-PROBLEMI LI LTQAJTU MAGĦHOM FL-AĦĦAR RAPPORT TA' IMPLIMENTAZZJONI

L-Istrateġija għall-Ekonomija Kreattiva u l-programm tal-Gvern jagħtu priorità lill-qasam tal-wirt kulturali biex tissaħħaħ il-kollaborazzjoni fost id-diversi entitajiet pubbliċi responsabbli mill-wirt ċinematografiku u awdjoviżiv u biex titnaqqas il-frammentazzjoni fuq livell amministrattiv.

TABELLA 13 – L-AĦJAR PRASSI

Ġiet introdotta għall-ewwel darba skema għad-diġitizzazzjoni taċ-ċinema. Eżibituri li se jingħataw l-għajnuna biex jtejbu l-faċilitajiet tagħhom, jridu ukoll jintroduċu inizjattivi edukattivi għall-udjenzi żgħar, filwaqt li jiffaċilitaw l-attenzenza ta' gruppi vulnerabbli.

<http://www.tourism.gov.mt/en/Culture/Pages/Cinema-Digitisation.aspx>

TABELLA 14 – HEMM BŻONN TA' AKTAR AZZJONI MILL-UE?

Għajnuna u appoġġ permezz tal-programm ġdid *Creative Europe* biex ikun hemm kollaborazzjoni bejn bosta entitajiet, kemm pubbliċi kif ukoll NGOs, li jaħdmu fil-qasam tal-wirt ċinematografiku u awdjoviżiv.

TABELLA 15 – SEGWITU GĦALL-KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IL-PATRIMONJU ĊINEMATOGRAFIKU EWROPEW, INKLUŻI L-ISFIDI TAL-ERA DIĠITALI

L-implimentazzjoni tal-programm tal-Gvern fil-qasam tal-wirt kulturali u tal-Istrateġija għall-Ekonomija Kreattiva fis-snin li ġejjen.